Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 35/2014

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rapprezentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company Limited kif surrogata bil-ligi u bil-polza tal-assikurazzjoni fid-drittijiet tal-assikurat taghha Andrew Borg u l-istess Andrew Borg f'ismu personalment (appellant)**

**vs**

**Motor Insurers' Bureau (appellata)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. Il-kaz jitratta dwar danni li l-appellanti jippretendu minghand l-appellata fl-ammont ta' €1,500 fir-rigward ta' hsara li saret f'incident tat-traffiku li sehh fis-6 ta' April, 2008 fi Triq Guze Maria Camilleri, Hamrun bejn il-vettura ta' Andrew Borg u vettura ohra. L-appellanti jsostnu li l-vettura l-ohra kienet misruqa u kient qeghda tinstaq minn xufier mhux maghruf.

2. L-appellata wiegbet li:

i. Preliminarjament, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda stante illi ai termini tal-art.26 tal-Avviz Legali 435 tal-2003 talba ghall-kumpens f'cirkostanzi fejn is-sewwieq mhux maghruf tista' ssir biss *"ghar-rigward ta' mewt jew korriment ta' xi persuna"*;
ii. Ir-rekwiziti ffissati mil-Ligi ghall-hlas tal-kumpens mhumiex sodisfatti;
iii. Il-Bureau intimat mhux il-legittimu kuntradittur ghat-talbiet ta' l-atturi;
iv. L-atturi m'ghandhomx azzjoni diretta fil-konfront tal-Bureau intimat ghall-hlas tad-danni minnhom sofferti fl-incident *de quo;*
v. L-atturi jridu jgibu prova ta' dak minnhom allegat inkluz dwar ir-responsabilita' ghall-incident tas-sewwieq mhux maghruf tal-vettura dwar id-danni minnhom allegatament sofferti u dwar l-allegata responsabilita' tal-Bureau intimat li jaghmel tajjeb ghad-danni minnhom reklamati. Bl-ispejjez kontra l-istess atturi;

3. B'decizjoni parzjali tat-28 ta' Gunju, 2011, it-Tribunal tal-Arbitragg: *"cahdet l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-Bureau intimat u accettat is-sottomissjoni ta' l-atturi fis-sens illi l-ligi applikata ghall-azzjoni odjerna hija r-Regolament 27 tal-Avviz Legali 435 tal-2003".* Dan wara li kkonkludiet li r-rapport tal-pulizija kien, *".... Jikkostitwixxi prova prima facie*

*sufficjenti sabiex tissorreggi l-azzjoni ai termini tal-artikolu 27 tal-Avviz Legali 435 tal-2003. Jekk u meta wiehed jasal sabiex jitratta l-kwistjoni fil-meritu, ovvjament, tkun mehtiega l-ahjar prova skond il-Ligi, izda ghall-finijiet prezenti, l-imsemmi Dok. A huwa sufficjenti u kien f'dan is-sens illi d-digriet tat-13 ta' Jannar 2011 cahad it-talba tal-intimata sabiex jigi sfilzat l-istess dokument".*

4. Fil-15 ta' Dicembru, 2014) ingħatat id-decizjoni finali, fejn jinghad: *"Billi filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-hames eccezzjoni sollevata mill-Bureau intimat, cahdet it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-istess Bureau intimat, laqghet it-tieni eccezzjoni sollevata mill-istess Bureau intimat u kwindi cahdet it-talbiet ta' l-atturi bl-ispejjez tat-tielet u r-raba' eccezzjonijiet jithallsu mill-Bureau mentri l-ispejjez relattivi ghat-talba ta' l-atturi u t-tieni eccezzjoni tal-Bureau intimat jithallsu mill-atturi".*

5. Mis-sentenza appellaw ir-rikorrenti, bl-aggravji li l-provi li ressqu l-appellanti kienu bizzejjed sabiex it-Tribunal tal-Arbitragg jikkonkludi li l-vettura kienet misruqa. Ir-rapporti tal-pulizija jirreferu ghall-incident tat-traffiku kif ukoll is-serqa tal-vettura, u minn fejn jirrizulta li l-pulizija tkellmu ma' Alfred Briffa li kien is-sid tal-vettura, u kkonfermalhom li l-vettura kienet ipparkjata fi Triq il-Wied, Qormi quddiem il-klabb tal-bocci u nsterqet minn hemm. Irrizulta wkoll li sussegwentement il-vettura nstabet misruqa. L-appellanti jistaqsu, *"…. liema prova ulterjuri kienet effettivament mehtiega min-naha taghhom sabiex jippruvaw is-serqa tal-vettura ?"* Dawn kien proceduri ta' arbitragg fejn l-arbitru kellha tagixxi bl-inqas formalizmu possibbli. Inoltre, mill-verbali tas-seduti kien car li l-appellata ma wriet l-ebda htiega li jsiru xi provi ohra, u lanqas ma semmiet li kien hemm bzonn li jitressaq il-pulizija li hejja r-rapport. Il-pulizija ma kienet ser toffri l-ebda taghrif iktar minn dak li kien hemm fir-rapporti. Dan apparti li l-appellat ma ressaqx provi li b'xi mod jikkontradici dak li hemm fir-rapport tal-pulizija. L-arbitru kellha tikkunsidra r-rapporti bhala provi tal-kontenut taghhom. Ma kien hemm l-ebda tip ta' kunflitt probatorju li seta' jhalli lill-arbitru fi stat ta' incertezza li jwassalha sabiex tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

6. Fit-twegiba l-appellata argumentat li l-appellanti kellhom l-oneru li jippruvaw li l-vettura kienet verament misruqa, prova li ma saritx. Inoltre, l-fatt li l-vettura kienet misruqa ma kienx bizzejjed it-Tribunal tal-Arbtiragg jikkonkludi li l-incident sehh tort tax-xufier mhux maghruf. Kellha ssir il-prova li s-sewwieq tal-vettura allegatament misruqa, kien responsabbli ghall-incident. Mill-provi li tressqu rrizulta li fil-hin tal-incident ir-rikorrent ma kienx qieghed izomm *proper lookout*.

7. L-appellata pproponiet appell incidentali minn dik il-parti tad-decizjoni finali li cahdet it-tielet u raba' eccezzjoni u ddecieda li l-appellata setghet tigi mharrka minflok il-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens, li skont il-ligi jrid jaghmel tajjeb ghall-kumpens ghad-danni. It-Tribunal tal-Arbitragg interpreta l-ligi b'mod zbaljat. Kull obbligu ex lege ghall-hlas tad-danni minhabba vettura misruqa, hi tal-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens u

mhux tal-appellata.

8. L-appellanti wiegbu li r-regolament 23(2) tal-Avviz Legali 435 jaghmilha cara li l-Fond jinkludi wkoll Bureau. Dan apparti li kellha kull opportunita sabiex titlob li l-Fond jissejjah fil-kawza.

**Fatti.**

- Fis-6 ta' April 2008 sehh incident awtomobilistiku fi Triq Guzè Maria Camilleri, il-Hamrun, bejn il-vettura FBN 937 li kienet qed tinstaq mill-appellant u l-vettura ABN 402, li fil-hin tal-incident kienet tinstaq minn persuna mhux maghrufa u li l-appellanti jallegaw li kienet misruqa.

- Dakinhar Borg ghamel rapport lill-pulizija. Skond ma jinghad fir-rapport, Borg irrakkonta li, *"kont fi Triq Manuel Magri meta vettura ABN 402 li kienet hierga minn Triq Guzepp Maria Camilleri sejjer ghal-Guze Pace, dan dahal go fiha minn naha tal-lemin avolja pruvjat nevitaha minhabba l-bieba ma tinfetahx xorta waqqaftu u ghidtlu ngibu l-pulizija pero dan qalli jiena ma ghandix insurance u qabad u telaq. Nixtieq nzid nghid li mieghu kien hemm tfajla u ragel mezza eta fuq wara."*

- Dakinhar sar rapport iehor minn Alfred Briffa ta' 31, Triq il-Kbira Qormi fejn jinghad ukoll li, *"**WPC 17 called the owner of the Fiat namely Alfred Briffa ID card 747339(M) where he said that the vehicle is stolen because he parked it in Triq il-Wied Qormi in front of the Bocci club so a person could take it for iron works because the car is to be scrapped. And he never imagined that it can be stolen**. Andrew Borg was also spoken by WPC 39 S Fenech of Qormi Police Station where he stated that persons driving this vehicle was a young male with a girl and a middle aged person as passenger at the back of the car. A detailed hit and run report is to be entered for Fr Andrew Borg for Insurance purposes until the car is found stopped and the driver investigated. **Nothing else to report until further investigations.** Today 8/4/2008, same vehicle was found burnt in Triq Wied il-Kbir, Qormi".*

- Illi waqt l-arbitraġġ xehdu biss ir-rikorrenti Andrew Borg u Dottor Anton Felice ghal-Motor Insurers' Bureau.

**Konsiderazzjoni.**

1. Il-qorti tibda biex tosserva li fl-ewwel decizjoni t-Tribunal tal-Arbitragg qal li r-rapport tal-pulizija tat-8 ta' April kien, *"…. prova prima faice sufficjenti sabiex tissorreggi l-azzjoni ai termini tal-Artikolu 27 tal-Avviz Legali 435 tal-2003"*. Disposizzjoni li tapplika fir-rigward ta' incident tat-traffiku li jsehh mill-uzu ta' vettura misruqa jew vettura li l-pussess taghha jkun ittiehed bi vjolenza. Pero' f'dik id-decizjoni t-Tribunal ghamilha cara li:

***"Jekk u meta wiehed jasal sabiex jitratta l-kwistjoni fil-meritu, ovvjament, tkun mehtiega l-ahjar prova skont il-Ligi,……"***

Ghalhekk l-appellanti kienu avzati bil-quddiem li kellha titressaq l-ahjar prova dwar l-allegat serq tal-vettura. Provi li kellhom ikunu:

i. Sid il-vettura bin-numru ABN-402, Alfred Briffa;
ii. L-ufficjali tal-pulizija li kienu nvoluti fil-kaz, sabiex jixhdu dwar x'investigazzjoni saret fir-rigward tal-vettura ABN-402. Hekk per ezempju f'wiehed mir-rapporti tissemma WPC 17 fejn jinghad li cemplet u kelmet lil Alfred Briffa. Pero' l-ebda wiehed mir-rapporti ma nkiteb minn din l-ufficjal tal-pulizija. Inoltre dwar l-allegata serqa, mir-rapporti kull ma jirrizulta hu li kien hemm ufficjal tal-pulizija li tkellmet ma' sid il-karozza u qalilha li kien jidher li l-vettura kienet insterqet kif ukoll li l-pulizija giet infurmata li l-vettura kienet instabet mahruqa. Pero' zgur li din mhijiex prova li fuq bazi ta' probabilta l-vettura kienet misruqa. Mhux maghruf x'investigazzjoni saret, jekk saret, mill-pulizija dwar l-allegata serqa.

Nuqqasijiet li wasslu lit-Tribunal tal-Arbirtagg sabiex jikkonkludi li r-rikorrenti ma tawx prova li l-vettura kienet misruqa, li hu wiehed mir-rekwiziti biex japplika r-regolament 27 tal-Avviz Legali 435 tal-2003. Konkluzjoni li kellu dritt li jasal ghaliha, iktar u iktar meta tqies ukoll li fid-decizjoni preliminari iddikjara li r-rikorrenti kellhom jaghmlu **<u>l-ahjar prova</u>**. Ghalhekk l-appellanti kienu avzati minn qabel dwar kif kellhom jipprocedu. Issa m'ghandhomx joqghodu jilmentaw gialadarba kienu huma li naqsu milli jressqu l-ahjar prova li t-Tribunal kien qieghed jezigi. Dan apparti li mid-deposizzoni tal-avukat Dr Anton Felice hu wkoll car li ma jistax jinghad li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar l-allegata serqa. Fil-fatt xehed (seduta 8 ta' Mejju 2013):

*"F'dan il-kaz m'hemmx kopertura da parti tal-Fond fic-cirkostanzi ta' serq, u dan stante illi jiena ma nafx jekk kienx hemm serq jew le ghaliex dan il-fatt irid jigi ppruvat minn min jallegah".*

Ladarba kien hemm nuqqas ta' provi li l-allegat serqa sehhet, it-Tribunal tal-Arbitragg kien gustifikat li jichad it-talba tar-rikorrenti.

2. Il-Bureau fl-appell incidentali tilmenta:

*"Ili kuntrarjament ghal dak li qal it-Tribunal, ir-Regolament 23(2) ta' l-Avviz Legali 435 ta' l-2003 bl-ebda mod ma jwassal ghal dina l-konkluzjoni billi huwa car mill-ligi kemm illi l-entita' responsabbli ghall-hlas ta' kumpens derivanti minn incidenti tat-traffiku huwa l-Fond ghall-Protezzjoni u Kumpens, kif ukoll, kif jirrizulta mir-Regolament 6(2) ta' l-Avviz Legali 435 ta' l-2003, illi l-kumpannija intimata Motror Insurers' Bureau tagixxi biss f'isem il-Fond"*

It-Tribunal tal-Arbitragg cahad l-eccezzjoni li l-Bureau mhijiex il-legittimu kontradittur. Id-decizjoni hi bazata fuq dak li jipprovdi regolament 23(2) tal-Avviz Legali 435 tal-2003 (*Protection and Compensation Fund Regulations 2003*):

*"Safejn jintlaqtu xi poteri u dmirijiet li johorgu minn xi arrangamenti jew ftehim li jsiru bejn il-Kumitat tat-Tmexxija u l-Bureau taht ir-regolament 6, l-espressjoni il-Fond f'din it-Taqsima ghandha tinkludi l-Bureau"*.

L-artiklu 49 tal-Insurance Business Act (Kap. 403) waqqaf il-Fond tal-Protezzjoni u Kumpens. Ir-regolament numru 3b tal-Avviz legali 435 tal-2003 jipprovdi li wiehed mill-ghanijiet ta' dan il-Fund hu li jaghmel hlas ta' kumpens lill-vitmi ta' incidenti tat-traffiku fic-cirkostanzi li jissemmew fir-regolamenti. Fond li bir-regolament 4(1) ghandu personalita guridika separata u indipendenti. Ir-rapprezentanza guridika u legali tal-Fond hi skond regolament 4(2) vestita fic-chairman tal-Protection and Compensation Fund Management Committee. Dan il-Kumitat ta' Tmexxija ghandu wkoll l-amministrazzjoni tal-Fond u skond regolament 6(2) jista' jahtar agenti tal-Fond u jaghtihom dawk is-setghat li jqies huma xierqa. Imbaghad skont regolament 23(1), il-Bureau hi:

*"…. l-assocjazzjoni jew korp iehor imwaqqaf minn assiguraturi tal-vetturi bil-mutur li mieghu l-Kumitat ta' Tmexxija jkun ghamel arrangamenti jew ftehim kif provdut fir-regolament 6(2)"*.

Mhux maghruf x'inhu ezatt il-kontenut tal-ftehim li hemm bejn il-Kumitat tat-Tmexxija u l-Bureau, gialadarba ma giex prezentat kopja ta' kuntratt li jista' sar bejn dawn iz-zewg korpi. Skond Dr Felice:

*"Il-Motor Insurers Bureau giet inkarigata mill-Protection and Compensation Fund sabiex tiggestixxi l-claims illi jsiru kontra l-istess Fund"*.

Taqsima IV tar-regolamenti titratta dwar il-kumpens lill-vittmi ta' incidenti tat-traffiku. L-appellata argumentat li peress li r-regolament 23(2) jipprovdi *"To the extent of any powers and duties……"*, id-dmirijiet tal-Motor Insurers Bureau versu t-terzi *"…. jaslu biss sal-poteri moghtija lill-Motor Insurers' Bureau…."* Hu minnu li l-Fond ghandu personalita guridika (regolament 4) u skont l-artikolu 49 tal-Insurance Business Act (Kap. 403) ghandu jkun hemm *Protection and Compensation Fund*, ghall-hlas ta' kumpens lill-vittmi ta' incidenti tat-traffiku skond kif jigi preskritt. Mhux kontestat li:

i. Il-Bureau hi agent tal-fond u bi ftehim li sar mal-Kumitat tat-Tmexxija nghatat is-setgha li tamministra l-Fond;
ii. Il-ftehim ghadu fis-sehh;

Bhala l-amministratur tal-Fond zgur li ghandha d-dmir li minnu thallas il-kumpens li jsir dovut lill-vittma taht xi wiehed mir-regolamenti li hemm f'Taqsima IV tar-Regolamenti. Gialadarba taht ir-regolament 23(2), *"l-espressjoni 'il-Fond' f'din it-Taqsima ghandha tinkludi l-Bureau"* u bhala l-agent tal-Fond ghandha d-dmir li thallas il-flus mill-Fond, b'applikazzjoni tar-regolament 23(2) tigi wkoll personalment responsabbli ghall-hlas tal-kumpens fil-kazijiet kontemplati f'dik it-Taqsima. Din mhijiex xi responsabbilta *in subsidium*. Il-qorti hekk biss tista' tifhem il-kliem, *"l-espressjoni il-Fond f'din it-Taqsima ghandha tinkludi l-Bureau"*, li fl-argument taghha l-appellata tidher li ma tathom ebda

importanza. Ghaldaqstant, l-appellata hi legittimu kontradittur u bhala tali r-rikorrenti kellhom azzjoni diretta kontriha.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**
2. **Tichad l-appell incidentali bl-ispejjez kontra l-appellata.**

Anthony Ellul.